**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 22 ta' Gunju 2001**

**Numru 27**
**Citaz. Nru. 2220/97 FDP**

**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited**
**Vs**
**Mizzi Enterprises Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tat-30 ta' Settembru 1997 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` attrici bieghet u kkonsenjat merkanzija lis-socjeta` konvenuta;

Illi fadal bilanc ta' ghaxart elef, mitejn u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm10,223) li s-socjeta` konvenuta ghandha thallas ghal din il-merkanzija;

Illi ghalkemm interpellata biex thallas is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi dan id-debitu tas-socjeta` konvenuta fil-konfont tas-socjeta` attrici huwa cert, likwidu u skadut ai termini ta' l-artiklu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta` attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa u fil-fehma tas-socjeta` attrici s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm10,223;

2. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artiklu 167 ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 6 ta' Gunju 1997 u tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru pprezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici, l-elenku tad-dokumenti minnha esebiti u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-6 ta' Novembru 1997 (li s-socjeta` konvenuta kienet giet awtorizzata tipprezenta fl-Udjenza tal-21 ta' Ottubru 2001 wara li l-Qorti semghet lil Benedict Mizzi in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta) fejn gie eccepit:-

1. Preliminarjament, l-intempestivita` tac-citazzjoni stante li s-socjeta` konvenuta qatt ma waqfet tivversa l-pagamenti lis-socjeta` attrici;

2. Fit-tieni lok, u fil-mertu, l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici huwa eccessiv stante li l-ammont dovut mis-socjeta` konvenuta huwa inqas;

3. Illi parti mill-merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta u li fuqha qeghda tintalab is-somma pretiza hija skaduta u mhux ta' kwalita`;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Benedict Mizzi in rapprezentanza ta' l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Ikkunsidrat:-

Illi jirrizulta li s-socjeta` attrici ghamlet diversi konsenji ta' merkanzija lis-socjeta` konvenuta ghas-supermarket gestit minnha bi-isem *Sidis Supermarket* gewwa Haz-Zebbug. Din il-kawza giet intavolata ghall-hlas tal-bilanc li s-socjeta` konvenuta allegatament jonqosha thallas lis-socjeta` attrici;

Illi Marvin Sapiano, il-*credit controller* tas-socjeta` attrici fl-affidavit tieghu spjega illi peress li l-ordnijiet kienu jkunu kbar is-socjeta` konvenuta ma kinitx thallas immedjatament. Spjega li ma' klijenti simili huma jaghtu terminu ta' 60 jum. Spjega wkoll li l-bilanc mhux dejjem jinqata' kompletament peress li l-ordnijiet isiru spiss hafna ghalhekk dak li jsir fil-prattika hu li l-pagamenti jkunu akkont ghaliex sakemm ihallsu jkunu lahqu ghamlu ordni ohra. Fil-kaz odjern huwa qal li s-socjeta` konvenuta kienet thallas kull gimgha, izda gara li l-pagamenti ma baqghux isiru daqstant regolari u bdew anke jonqsu fl-ammont b'mod li l-bilanc beda jikber. *"Dan ovvjament ma kienx sodisfacenti ghalina u avzajnihom b'dan. Imbaghad f'April ta' l-istess sena waqafna inbieghulhom. Sadanittant bqajna naccettaw il-pagamenti li kienu jaghmlu kultant.";*

Illi peress li s-sitwazzjoni baqghet l-istess, is-socjeta` attrici fis-6 ta' Gunju 1997 (fol 15) interpellat lis-socjeta` konvenuta permezz ta' ittra ufficjali u talbitha thallas il-bilanc kollu u avzatha li fin-nuqqas kienet ser tiehu proceduri kontriha. Ix-xhud kompla jispjega li wara dan xorta baqghet thallas bhal qabel, u cioe` ammonti zghar li ghas-socjeta` attrici ma kinux accettabbli peress li b'dak ir-rittmu il-bilanc kien ser idum wisq sabiex jinqata'. *"Hija ma ziditx fil-pagamenti, anzi bdiet tonqos, tant li f'Novembru hallset biss hamsin Lira (Lm50). Barra minn hekk bdiet tibghat cekkijiet li ma kinux qed jissarfu mill-bank."*

Illi il-Qorti ezaminat is-Sales Ledger Account tas-socjeta` attrici relattiv ghas-*supermarket*

tas-socjeta` konvenuta. Kif spjega ix-xhud Marvin Sapiano, jirrizulta li kien hemm diversi cekkijiet li ma ssarfux. Il-ledger account jindika wkoll li s-socjeta` attrici waqfet tissuplixxi lis-socjeta` konvenuta f'April tas-sena 1997 izda baqghet taccetta l-pagamenti maghmula da parti tas-socjeta` konvenuta;

Illi l-pagamenti baqghu jsiru anke fil-mori tal-kawza. Skond l-istess Sales Ledger Account il-bilanc finali li s-socjeta` konvenuta kien ghad fadlilha thallas sat-13 ta' Novembru 1998 kien ta' Lm4458.12. Fl-Udjenza tat-23 ta' Marzu 2001, id-difensur tas-socjeta` attrici kkonferma li ma kienu saru ebda pagamenti ohra u allura l-ammont ta' Lm4458.12 ghadu dovut;

Illi s-socjeta` konvenuta fl-ewwel eccezzjoni taghha eccepiet li c-citazzjoni hija intempestiva peress li hija qatt ma waqfet tivversa pagamenti lis-socjeta` attrici. Benedict Mizzi, in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta xehed li huma kienu jaghmlu pagamenti akkont kull gimgha u sahansitra dak in-nhar stess li giet intavolata l-kawza l-ammont kien gia` gie ridott ghal Lm9592;

Illi l-Qorti tosserva li ma gie esebit ebda ftehim bil-miktub bejn il-kontendenti dwar kundizzjonijiet ta' negozju ta' bejniethom, u cioe` dwar il-metodi ta' kif kellhom isiru l-konsenji u kif kellu jsir il-hlas relattiv. Ix-xhud Marvin Sapiano fl-affidavit tieghu spjega li huma jaghtu terminu ta' kreditu ta' 60 jum lil klijenti bhas-socjeta` konvenuta (ghalkemm minhabba l-frekwenza ta' ordnijiet il-bilanc mhux dejjem jinqata' kompletament). Is-socjeta`

konvenuta ma kkontestatx dan it-terminu ta' kreditu allegat mix-xhud;

Illi jirrizulta li s-socjeta` attrici waqfet il-konsenji taghha f'April 1997. Ghalhekk is-socjeta` konvenuta kellha sa Gunju 1997 sabiex thallas il-bilanc. Il-kawza giet intavolata fit-30 ta' Settembru 1997. Sa dak in-nhar, skond ma jirrizulta mis-Sales Ledger Account, il-bilanc finali kien ta' Lm9592.38, kif fil-fatt jikkonferma Benedict Mizzi in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta fl-affidavit tieghu;

Illi peress li l-bilanc kien diga` dovut kollu <u>qabel</u> id-data li fiha giet intavolata c-citazzjoni l-Qorti ma jidhrilhiex li l-istess citazzjoni kienet intempestiva kif qed jigi allegat fl-ewwel eccezzjoni, anke jekk il-pagamenti kienu ghadhom qed isiru;

Illi dwar it-tieni eccezzjoni, u cioe` li l-ammont pretiz huwa eccessiv, il-Qorti tosserva li effettivament sad-data tac-citazzjoni, il-bilanc finali naqas fl-ammont, kif fil-fatt kompla jonqos sad-data ta' l-ahhar pagament u cioe` sa Novembru 1998, u dan ovvjament ser jittiehed in konsiderazzjoni;

Illi dwar l-ahhar eccezzjoni, li parti mill-merkanzija kkonsenjata kienet skaduta u mhux ta' kwalita`, Marvin Sapiano fl-affidavit tieghu xehed li ma jidhirlux li kellhom xi complaints pendenti mas-socjeta` konvenuta, filwaqt li l-istess socjeta` konvenuta ma ressqet ebda prova dwar din l-eccezzjoni;

Ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghandha thallas il-bilanc pendenti ta' Lm4458.12.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta` attrici limitament fis-sens li tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, erba' mija u tmienja u hamsin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm4458.12);

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba.

L-imghax u l-ispejjez kif mitluba fic-citazzjoni jithallsu mis-socjeta` konvenuta.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur